MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 788/2002

**Direttur Generali tal-Qrati.**

**-vs-**

**Carmelo Axiaq u b'digriet tas-26 ta' Jannar, 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Philip Axiaq, Maria Lourdes Axiaq, Josephine Bugeja, Godfrey Axiaq u Aqnese Grech, ilkoll eredi ta' Carmelo Axiaq li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi permezz tad-decizjoni tal-15 ta’ Jannar, 2002, fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Carmelo Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati et (Rikors numru 468/97/CFS), it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, wara li sab l-ilment tar-rikorrenti gustifikat, irrakkomanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elfejn lira (Lm2,000) (dok. “A”).

Fid-decizjoni tieghu it-Tribunal, l-ewwel irrikonoxxa l-ilment tar-rikorrent ma kienx validu, imbaghad ghadda biex ta kumpens peress illi, skond it-Tribunal “mhux sewwa li persuna idduma ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens...”

Illi din id-decizjoni hija *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal kif indikati fl-Att VII ta’ l-1987. Dan ghar-raguni illi fir-rigward ta’ l-ilment tar-rikorrenti, it-Tribunal, skond l-artikolu 6 ta’ l-Att VII, kellu s-setgha li jisma’ u jaqta’ dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta’ xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b’xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar... hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta’ ufficjali pubblici.

Mir-rikors promotur u mill-atti processwali jirrizulta illi l-grad in kwistjoni ma kienx jezisti fl-epoka tar-rikors imsemmi. Ghalhekk ir-rikorrenti ma setax gie indebitament distint, eskluz jew mhux ippreferut dwar hatra, promozzjoni jew trasferment. Tant li t-Tribunal stess qal li minn “imkien ma jirrizulta li r-rikorrenti kellu xi dritt ghal din il-kariga” jew “xi hatra li ma hadiex ir-rikorrent ghax din inghatat lil haddiehor li ma kienx haqqu. Lanqas ma rrizulta li dan il-post ma baqas jezisti b’xi manuvri bl-iskop li jintlaqat direttament ir-rikorrent.”

Ir-rikorrent sejjs biss l-ilment tieghu fuq il-fatt l-attur bhala kap ta’ dipertiment kellu jimla vakanza.

It-Tribunal sejjes id-decizjoni tieghu fuq il-fatt li l-attur ma tax promozzjoni lill-konvenut.

Certament dawn ragunijiet mhumiex fil-kompetenza ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att imsemmi u *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal kif regolat mill-artikolu 469A tal-Kap. 12.

L-aggravju ta’ l-attur huwa fis-sena li l-kompetenza tat-Tribunal hija definita. Mhux kull allegata ingustizzja kienet mertu ta’ lment quddiem dak it-Tribunal imma biss dawk definiti fl-artikolu 6. Hemm anke duttrina f’dan is-sens. Ghalhekk id-decizzjoni tat-Tribunal hija nulla in kwantu ezorbitat il-kompetenza tieghu.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji tal-15 ta’ Jannar, 2002, fl-ismijiet <u>Carmelo Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati et</u> *ultra vires* il-poteri ta’ l-istess Tribunal.

2. thassar, tirrevoka u tannulla din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa wkoll imsejjah ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur Generali tal-Qrati mahlufa minn Charles A. Micallef, I.D 283546(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fit-30 ta’ Settembru, 2002 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni tal-impunjattiva tad-decizjoni moghtija hi fiergha u vessatorja u jidher li saret biss in kwantu l-Att VIII tal-1997 ma jipprovdiex ghad-dritt ta’ l-Appell, u lanqas li jigi krejat xi tribunal gdid.

2. F’kull kaz id-decizjoni ma nghatatx *ultra vires* il-poteri vestiti fit-Tribunal adit, u zgur li fis-setgha rakkomandatarja tieghu t-Tribunal ma vvjola l-ebda norma jew disposizzjoni tal-Att.

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-vertenza hija dwar jekk it-Trribunal ghall Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fis-sentenza li ta’ favur Carmelo Axiaq, illum mejjet, marx oltre l-poteri tieghu kif moghtIja mill-Kapitlu 394 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta akkordalu kumpens ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000).

Il-konvenuti, eredi tal-mejjet Axiaq, mhux qed jeccepixxu li l-Att in kwistjoni ma jipprovdix ghall-provedura ta’ appella u illi d-decizjoni tat-tribunal kienet *intra vires.*

Din il-kawza hija ezatt bhala mertu ghall-kawza deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’ Ottubru 2004 fl-ismijiet <u>Direttur Generali tal-Qorti vs Carmelo Sciortino</u>. Dakinhar il-Qorti qalet hekk;

*Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi fuq dan il-mertu. Ghandu jinghad li t-tribunal ikkonkluda li Sciortino kien ghamel zmien konsiderevoli jaghmel xoghol oltre l-kariga tieghu u cioe’ kien fil-fatt jaghmel xoghol ta’ arkivista. L-attur pero’ qatt ma tah opportunita’ li jigi promoss ghal din il-kariga li in effetti*

*thalliet vakanti. Kien ghalhekk li t-tribunal ikkonkluda li din kienet tammonta ghal ingustizzja u li billi ma setax, ghal ragunijiet diversi, jaghtih ir-rimedju, akkordalu l-kumpens imsemmi.*

*Skond l-artiklu 6 tal-Kap 394, it-tribunal ghandu s-setgha illi jaqta' kull ilment minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret .... jew .. xi .. restrizzjoni li kellha ggarrab ... dwar wiehed minn dawn li gejjin;*

*a. hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' xi ufficjali pubblici.*

*L-attur qed isostni li una volta l-kariga ta' arkivista baqghet battala, ir-rikorrenti fil-kawza quddiem it-tribunal ma sofriex ingustizzja skond it-termini tal-Att illi kkostitwixxa t-tribunal.*

*Il-Qorti taqbel li mhux kull ingustizzja taqa' taht it-termini tal-Att in kwistjoni izda thoss li ezami approfondit tal-Artiklu 6 ma jiggustifikax l-ilment tal-attur. Infatti fil-fehma tal-Qorti, meta persuna taghmel zmien taghmel xoghol superjuri ghad-desinjazzjoni taghha u din il-kariga tibqa ghal zmien twil battala, dik il-persuna tkun qed issofri minn eskluzjoni indebita dwar hatra jew promozzjoni. Wara kollox il-kaz in kwistjoni kien jinvolvi kariga kontemplata mill-ligi u hija kariga li ma tistax tibqa' battala. Li l-kariga tibqa battala u l-persuna in kwistjoni tibqa' taghmel xoghol konsonanti mall-kariga minghajr ma tiehu l-istess kariga, tammonta, fil-fehma tal-Qorti ghal eskluzzjoni indebita u ma hemmx kwistjoni li tali eskluzzjoni impediet promozzjoni meritata ghall-imsemmi Sciortino.*

*It-Tribunal ma setax jordna promozzjoni, anke kieku Axiaq ma mietx fil-mori tal-kawza, minhabba r-regoli tas-servizz pubbliku u ghalhekk ladarba wasal ghal tali konkluzjoni, akkorda kumpens kif certament kien intitolat jaghmel skond il-ligi.*

Il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid ma' dawn il-konstatazzjonijiet anke ghaliex il-kariga li ghaliha l-konvenuti fiz-zewg kawzi kienu qed jitolbu li jigu promossi hija l-istess wahda. Ghalhekk dak li kien japplika ghal Carmelo Sciortino japplika ukoll ghal Carmelo Axiaq. Billi l-Qorti thoss li t-tieni eccezzjoni ghandha tkun akkolta ma ghandiex ghalfejn tikkumenta dwar l-eccezzjonijiet l-ohrajn.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjes kontra tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------